

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2017 – Anastassopoulos et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni****(Kawża T-147/17)**

(2017/C 202/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Nikolaos Anastassopoulos (Nea Erythraia, il-Greċja), Aristeidis Anastassopoulos (Nea Erythraia), Alexia Anastassopoulos (Nea Erythraia), Maria Myrto Anastassopoulos (Nea Erythraia), Sophie Velliou (Kifissia, il-Greċja) (rappreżentanti: K. Floros u M. Meng Papantoni, avukati)

*Konvenuti:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tilqa' t-talbiet għad-danni tar-rikorrenti billi tagħti, lill-ewwel rikorrent, l-ammont ta' EUR 123 442, lil kull wieħed u waħda mit-tliet rikorrenti segwenti, l-ammont ta' EUR 61 721 u lill-ħames rikorrenti l-ammont ta' EUR 120 900 jew, sussidjarjament u rispettivament, l-ammonti ta' EUR 38 227,20, EUR 19 107,60 u EUR 37 440, miżjuda, fil-każijiet kollha, bl-interessi moratorji;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż, irrispettivament mill-eżitu tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ksur tal-prinċipju fundamentali tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet, fl-espressjoni tiegħu li teżiġi trattament differenti ta' sitwazzjonijiet differenti, kif ukoll tal-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li huwa l-espressjoni konkreta ta' dan il-prinċipju.

Filwaqt li jinvokaw telf finanzjarju kunsiderevoli minħabba li l-bonds tal-Istat tagħhom kienu suġġetti għal-Liġi Nru 4050/12, imsejħa wkoll "PSA" (Private Sector Investment), huma jargumentaw li rċevew l-istess trattament (inkluża l-istess rata ta' "haircut") bħall-persuni ġuridiċi, b'mod partikolari l-banek u l-fondi speċjalizzati, minkejja d-differenzi fundamentali bejniethom.

Huma jattribwixxu dan lill-President tal-Grupp tal-Euro u/jew lill-Grupp tal-Euro bħala tali, li allegatament ipprojbixxew mhux biss l-eżenzjoni tal-persuni fiżiċi mill-"haircut" iżda wkoll kwalunkwe miżura ta' kumpens ulterjuri, kif ukoll lill-Kummissjoni li allegatament qablet ma' u tat il-kunsens tagħha għal tali ksur tal-prinċipju msemmi iktar 'il fuq u tal-Artikolu 21 tal-Karta, minkejja l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 17 TUE, kif interpretat mis-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising et vs Il-Kummissjoni u Il-BĊE (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701).

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' April 2017 – FVE Holýšov I et vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-217/17)**

(2017/C 202/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* FVE Holýšov I s. r. o. (Praga, ir-Repubblika Ċeka) u 27 rikorrent ieħor (rappreżentanti: A. Reuter, H. Wendt, C. Bürger, T. Christner, W. Schumacher, A. Compes u T. Herbold, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tiddikjara nulla d-Deċiżjoni tal-konvenuta C (2016) 7827 finali, tat-28 ta' Novembru 2016, Għajnuna mill-Istat SA.40171 Istat (2015/NN) <sup>(1)</sup>, dwar il-promozzjoni ta' produzzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fir-Repubblika Ċeka; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw seba' motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega li bl-ittra tagħha ta' Lulju 2004 lill-assoċjazzjonijiet industrijali rilevanti il-konvenuta kienet diġà ddeċidiet li l-iskema ta' promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli tar-Repubblika Ċeka ma tikkostitwixx għajnuna mill-Istat, u l-konvenuta hija, bħala punt ta' liġi, marbuta b'din id-deċiżjoni, li hija ma rrevokatx u ma tistax tirrevoka.
2. It-tieni motiv, li jallega ksur tal-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti u ċ-ċertezza tal-liġi.
3. It-tielet motiv, li jallega li l-iskema ta' promozzjoni rilevanti Ċeka ma tikostitwixx għajnuna mill-Istat.
4. Ir-raba' motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata iġġiegħel lir-Repubblika Ċeka sabiex timplemeta mekkaniżmu ta' revizzjoni eċċessiv li jikser l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti fl-affidabbiltà tal-iskema.
5. Il-ħames motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq żbalji ta' fatt peress li tgħid li hemm obbligu għall-operaturi tal-grilja sabiex jgħaddi l-ispiża tal-enerġija rinnovabbli lill-konsumaturi tal-enerġija. Ma kien hemm ebda obbligu bħal dan taħt il-liġi Ċeka.
6. Is-sitt motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 5(1) tat-Trattat UE (limitazzjoni tal-kompetenzi mill-prinċipju ta' konferiment).
7. Is-seba' motiv, li jallega li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 69, 2017, p. 2.

---

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' April 2017 – Adapta Color vs EUIPO – Coatings Foreign IP (ADAPTA POWDER COATINGS)**

**(Kawża T-223/17)**

(2017/C 202/36)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Adapta Color, SL (Peñiscola, Spanja) (rappreżentanti: G. Macías Bonilla, G. Marín Raigal u E. Armero Lavie, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Coatings Foreign IP Co. LLC (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti